MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 4/2013

**Stacy Chircop**

**Vs**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Rikors promotur[1].**

Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Jannar 2013 ir-rikorrent qieghed jilmenta li fil-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stacey Chircop** (526/2010) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

[1] Prezentat fit-22 ta' Jannar 2013.

Kriminali fis-26 ta' Novembru 2010, gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq (Artikolu 39 u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), u talab li jinghata r-rimedji.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma :-

*Illi fl-istadju tal-interrogazzjoni meta huwa kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva, huwa ma kienx assistit minn avukat, liema nuqqas huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-esponenti jilmenta wkoll illi waqt l-identification parade li saritlu meta kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva, huwa tpogga ma' ghadd ta' persuni li kollha kienu Pulizija u ghalhekk kif saret l-istess procedura kienet ovvja li huwa kien 'the odd man out' u seta' ghalhekk jintghazel facilment minn kwalsiasi persuna li tressqet biex tiddentifikah.*

*Illi l-esponenti jilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatux ix-xelta li jkompli l-proceduri permezz ta' guri quddiem il-Qorti Kriminali, izda ddecidiet hi stess li tisma' u taqta' l-kaz tieghu.*

*Illi l-esponenti jilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, meta ppronuncjat is-sentenza taghha tas-26 ta' Novembru 2010, ma qiesitx li huwa kien gie kkundannat tar-recidiva tieghu f'kaz iehor, izda sabitu wkoll hati ta' dik l-akkuza u applikat il-piena skond l-istess recidiva*.

**Twegiba[2]**.

Permezz ta' twegiba prezentata fid-29 ta' Jannar 2013, l-intimati eccepew li:-

[2] Prezentata fid-29 ta' Jannar 2013.

*1. Illi fl-ewwel lok, tajjeb li jingħad li l-appell kriminali li kien ressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kirminali ġie maqtugħ b'mod definittiv **<u>fl-24 ta' Jannar 2013</u>**, jiġifieri jumejn wara li ġie ppreżentat dan ir-rikors kostituzzjonali. F'din is-sentenza, li kopja tagħha qed tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala **Dok. AG 1**, l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali ċaħdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fis-26 ta' Novembru 2010;*

*2. Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma kienx megħjun minn avukat waqt li huwa ġiet interrogat, jibda billi jingħad li dan il-punt ma ġiex imqanqal waqt li kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri kriminali. Jiġi b'hekk li r-rikorrent ma jistax iqajjem issa din il-lanjanza wara li l-proċeduri kriminali tiegħu għaddew in ġudikat (ara inter alia **Simon Xuereb vs. Avukat Ġenerali**, Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Mejju 2012);*

*3. Illi subordinatament mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' assistenza legali ma hijiex koperta mill-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Dan għaliex dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti (ara inter alia s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** deċiża fil-15 ta' Novembru 2011). F'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett fil-konfront ta' perijodu fejn kienet għadha għaddejja l-fażi tal-interrogazzjoni min-naħa tal-Pulizija. Għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi kkontestati mir-rikorrent jmorru lura għal ġrajjiet li seħħew qabel ma kienu laħqu nbdew xi proċedimenti kontrihom, allura dan ifisser li l-ilment tagħhom ma jistax jaqa' fl-ambitu tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent jista' jkun mibni fuq dan l-artikolu, l-istess għandu jiġi miċħud;*

*4. Illi dwar l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, jissokta jingħad li l-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u*

*reali (ara* ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali****, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013). Jiġi rilevat ukoll li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali li persuna akkużata b'reat kriminali ikollha proċeduri li jinżammu b'mod xieraq. F'din il-qagħda, mhux bilfors għaliex ir-rikorrent ma tħalliex jikseb parir legali waqt il-perijodu tal-interrogazzjoni allura huwa awtomatikament ma kellux proċess skont il-ħaqq. Tabilħaqq biex in-nuqqas ta' assistenza legali jista' potenzjalment iwassal għal ksur ta' smigħ xieraq irid jiġi muri b'mod sodisfaċenti li minħabba dak in-nuqqas inħoloq perikolu illi r-rikorrent instab ħati meta ma kellux jinstab ħati (ara* ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali****, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2012) ;*

*5. Illi propriju f'dan il-każ, il-fatt li r-rikorrent ma kellux jedd li jkellem avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, din bl-ebda mod ma fixxklitu fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu. Dan għaliex waqt l-istqarrija tiegħu r-rikorrent għażel, kif kellu kull dritt li jagħmel, li jibqa' sieket u li ma jwieġeb għal ebda mistoqsija li saritlu mill-Pulizija u dan mingħajr ma ġarrab ebda sura ta' inferenza ta' ħtija kontra tiegħu. Għal kull bwon fini, kopja tal-istqarrija tar-rikorrent qed tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala* ***Dok. AG 2****. Għalhekk minkejja li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat qabel ma ta' l-istqarrija tiegħu, din bl-ebda mod ma ppreġudikat id-difiża tiegħu waqt il-proċeduri kriminali jew b'xi mod influwenzat is-sejbien tal-ħtija tiegħu;*

*6. Illi kemm hu hekk, ir-rikorrent ma nstabx ħati minħabba l-istqarrija li huwa ħalla mal-Pulizija iżda ġie misjub ħati fuq is-saħħa ta' elementi probatorji oħra, partikolarment ix-xhieda ta' Ebony Camilleri. Għaldaqstant ladarba l-istqarrija tar-rikorrent ma impinġiet bl-ebda mod sinjifikanti fuq il-proċeduri kriminali, ir-rikorrent ma huwiex ġustifikat li jilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq għaliex ma kienx megħjun minn avukat qabel ma ħalla l-istqarrija mal-Pulizija. Konsegwentement dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent ma jistax bħala jitqies mistħoqq;*

*7. Illi bla ħsara għal dak fuq espost, safejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq il-mod kif twettqet l-identification parade, l-esponenti jaraw li dan huwa argument li jikkonċerna speċifikament il-mertu tal-kwistjoni li kellha tiġi deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali. Infatti hawnhekk ir-rikorrent qiegħed espliċitament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex terġa' tidħol fuq il-mertu tal-każ u b'hekk taġixxi bħala qorti ta' reviżjoni fuq il-Qorti tal-Appelli Kriminali.*

*Kif propriju jgħallmu l-ġuristi* ***Jacobs, White & Ovey****, spiss ċitati mill-Qrati tagħna, f'paġna 243 tal-opra tagħhom, "****The European Convention on Human Rights****" (il-ħames edizzjoni),* ***"****The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. <u>Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be</u>. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6";*

*Minn din is-silta, joħroġ ċar li mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tindaga kif saret l-<u>identification parade</u> għaliex din hija xi ħaġa li kellha tiġi determinata mill-qrati kriminali.*

*Appuntu fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fis-26 ta' Novembru 2010 (****Dok. AG 3****) u kkonfermata aktar tard fl-appell, il-Qorti tal-Maġistrati daħlet fuq dan il-punt u saħqet hekk,*

*"Irid inoltre jiġi rilevat li din Ebony Camilleri għarfet lill-imputat bħala wieħed mill-persuni involuti fil-hold-up f'żewġ identification parades li saru l-għada tal-hold-up u kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS 836 Alexander Taliana li xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2001 hija identifikat lill-imputat mingħajr ebda ezitazzjoni u mingħajr ma wriet ebda dubju. Id-Difiża waqt it-trattazzjoni issottomettiet li l-Identification Parades ma ġewx kondotti b'mod korrett stante li ma kienx hemm somiljanza bejn il-persuni l-oħra li pparteċipaw fil-line up u l-imputat u anki ghaliex dan tal-aħħar tpoġġa fit-tarf tal-line up u kien liebes b'mod għal kollox differenti mill-parteċipanti l-oħra fil-line up. Il-Qorti l-anqas ma taqbel ma din is-sottomissjoni għaliex wara li eżaminat il-line up jidrilha li ż-żewġ Identification Parades saru b'mod korrett u skond il-kriterji stabbiliti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Lulju 1998 fil-kawża fl-ismiijiet "Pulizjia vs Stephen Zammit. '*

*Għalhekk mhuwiex il-każ li dan il-punt ma ġiex trattat kif imiss mill-qrati b'kompetenza kriminali. Apparti minn hekk, irid jingħad li ma jidhirx li r-rikorrent kien ressaq aggravju speċifiku fuq dan il-punt fir-rikors tal-appell tiegħu. Kwindi l-esponenti huma kemmxejn perplessi kif r-rikorrent reġa' ftakar fuq dan il-punt f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali meta huwa għażel li ma jqajmux quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali;*

*Fuq kollox imbagħad, biex l-argument ikun komplut, ma jirriżultax li sar xi ħaġa ħażina waqt iż-żewġ identification parades li twettqu mill-Pulizija, dan kif jixhdu l-kopji tar-ritratti hawn annessi bħala* ***Dok. AG 4*** *u* ***5*** *rispettivament;*

*Għalhekk safejn dan l-ilment tar-rikorrent huwa arġinat fuq rivalutazzjoni tal-provi, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeżisti milli tidħol fih;*

*8. Illi dwar l-ilment l-ieħor li r-rikorrent ma ngħatax opportunità li jagħżel jekk il-każ tiegħu jinstemax b'ġuri jew le, l-esponenti jwieġbu li din l-allegazzjoni hija assolutament fiergħa. Dan għaliex kif jirriżulta mill-estratt (****Dok. AG 6****) meħud mill-proċess kriminali, fid-19 ta'*

*Settembru 2003 ir-rikorrent ma oġġezzjonax u anzi ta l-kunsens li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja. Magħdud ma' dan, ta' min jenfasiza wkoll li dan l-ilment qatt ma tressaq kemm damu għaddejjin il-proċeduri kriminali, għalhekk mhuwiex leċitu li dan jitqajjem issa wara li l-proċeduri kriminali ġew magħluqa. Dan lil hinn mill-konsiderazzjoni ulterjuri li l-esponenti qajla jifhmu kif dan il-fatt ippreġudika lir-rikorrenti milli jkollu smigħ xieraq. Għaldaqstant anke dan l-ilment għandu jiġi mwarrab;*

*9. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal dak fuq imsemmi, b'rabta mal-ilment dwar il-piena, l-esponenti jitilqu billi jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li anke dan l-ilment ma tressaqx bħala aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali – għalhekk l-istess esponenti ma jarawx kif issa r-rikorrent jippretendi li jqajmu quddiem din l-Onorabbli Qorti. Barra minn hekk, irid jingħad li materji li għandhom x'jaqsmu mal-kwantum jew xorta ta' piena u mal-mod kif din tiġi espijata jeżorbitaw mill-ambitu tal-kunċett ta' smigħ xieraq kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (ara s-sentenza **Anthony Grech Sant vs. Avukat Ġenerali** tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-8 ta' Frar, 2010). Għalhekk, anke li kieku stess, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex is-setgħa li tinvestiga kif ġiet maħduma l-piena li ġiet erogata mill-qrati kriminali;*

*10. Illi fi kwalsiasi każ ma hemm xejn ħażin kif ġiet inflitta l-piena;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Peress li fil-fehma umili tal-esponenti l-ilmenti mnanqla mir-rikorrent huma ta' natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk tħoss li huwa l-każ tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.***

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

Ir-rikorrent kien gie akkuzat talli fid-9 ta’ Ottubru 2001 f’Paceville ghal habta tas-1.15 p.m:-

*a. Nhar id-9 t’Ottubru, 2001, f’ Paceville, ghall-habta tas-1.15p.m, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ zewg basktijiet kontenenti ghaxar liri Maltin (Lm10) u diversi oggetti fosthom mobile phone u dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u li sar ghad-detriment ta’ Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri;*

*b. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri kontra l-volonta’ taghhom;*

*c. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna diversi feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri, hekk kif iccertifikaw t-tobba tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u ta’ l-Isptar San Luqa.*

*d. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;*

*e. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m’ obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.*

*f. Fl-istess data, f’ San Giljan u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew kellu f’ idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;*

*g. F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-8 u id-9 t’ Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta’ vettura t’ ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAE 772, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Spiridione Agius;*

*h. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 14.01.98 u 19.01.99, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra*.

B'sentenza li nghatat fis-26 ta' Novembru 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent hati u kkundannatu hames (5) snin prigunerija.

Ir-rikorrent appella.

B'sentenza li nghatat fl-24 ta' Jannar 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata.

L-ilment tar-rikorrent huma s-segwenti:-

1. **Dritt li r-rikorrent li jkun assistit minn avukat meta gie interrogat**.

Din il-lanjanza lanqas tista' tibda tigi kkunsidrata gialadarba:-

i. Ir-rikorrent ma wiegeb ghall-ebda domanda u lanqas ma ffirma l-istqarrija. Ghalhekk is-sejbien ta' htija ma setghet qatt tkun bazata fuq l-istqarrija.

ii. Mis-sentenza jirrizulta li r-rikorrent instab hati a bazi ta' provi ohra. Fil-fatt l-ewwel qorti osservat: *"Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, f'dan il-kaz jidhrilha li mix-xhieda ta' Ebony Camilleri jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-imputat Stacy Chircop kien involut fl-imsemmi holdup."*. Jirrizulta li Ebony Camilleri gharrfet lil Chircop kemm waqt l-*identification parade* u wkoll meta xehedet fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2001. Id-deposizzjoni ta' Ebony Camilleri hi cara hafna u ma thalli l-ebda dubju dwar l-involviment ta' Chircop f'din is-serqa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li mid-deposizzjoni ta' Ebony Camilleri u l-

provi l-ohra, *'l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal din il-konkluzjoni.'*.

Ghalhekk dan l-ilment hu nfondat.

2. **<u>L-identification parade</u>**.

Ir-rikorrent ilmenta li fl-*identification parade* tpogga ma' persuni li kienu membri tal-korp pulizija. Mill-atti jirrizulta li n-nies li hadu sehem f'dan l-ezercizzju kienu kollha lebsin pajzana. Ghalhekk il-qorti ma tistax tifhem dwar x'hiex qieghed jilmenta r-rikorrent. L-irgiel l-ohra li hadu sehem fl-*identification parade* m'humiex identifikabbli li huma pulizija. F'kull kaz din hi wkoll materja li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jqajjem fil-kors tal-proceduri kriminali, izda li naqas milli jressaq bhala aggravju.

3. **<u>Ma nghatax dritt tal-ghazla li l-kaz tar-rikorrent jinstema' f'guri</u>**.

Dan l-ilment hu bla bazi. Mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li kien ir-rikorrent stess li fid-19 ta' Settembru 2003 ddikjara li m'ghandx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent m'hijiex minnha.

4. **<u>Kundanna ta' recidiva</u>**.

Ir-rikorrent jilmenta li l-ewwel qorti ma kenitx qieset li kien diga' gie kundannat tar-recidiva f'kaz iehor. Apparti l-fatt li ma jidhirx li hemm prova ta' dan, ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jressaq dan l-ilment bhala wiehed mill-aggravji fl-appell li sar quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fir-rikors tal-appell ma sar l-ebda accenn ghal dan l-ilment. Dak li r-rikorrent naqas milli jaghmel fil-proceduri kriminali ma jistax jipprova jaghmlu permezz ta' proceduri kostituzzjonali li min-natura taghhom huma proceduri straordinarji. Dan apparti li fil-meritu t-tezi tar-rikorrent tidher li hi bla bazi gialadarba s-sejbien ta' htija ghall-akkuza ta' recidiva hi minhabba li Chircop instab hati minnhabba li bis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2010

instab hati tal-akkuzi meta kien gie diga' kkundannat ghal reat b'sentenza li saret defenittiva.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------